

Brussell, 23 ta' Frar 2018  
(OR. en)

6467/18

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2013/0255 (APP)**

---

---

EPPO 4  
EUROJUST 21  
CATS 12  
FIN 152  
COPEN 46  
GAF 7  
CSC 54

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew - Implimentazzjoni

---

**1. Thejjiġa għall-implimentazzjoni**

L-adozzjoni f'Ottubru tar-Regolament dwar l-UPPE kienet il-bidu ta' proċess ta' implimentazzjoni li ser jibqa' għaddej tal-inqas sentejn u jinkludi bosta fergħat ta' ħidma differenti.

Fil-bidu ta' Frar, is-servizzi tal-Kummissjoni informaw lill-Parlament u lill-Kunsill bit-tnejjiet li kienu għaddejjin (ara d-dokument 6083/18) u spjegawhom fid-dettall fil-laqgħa tal-CATS tad-19 ta' Frar 2018. Dan jikkonċerna b'mod partikolari:

- il-ħatra ta' Direttur Amministrattiv interim
- l-istabbiliment tal-Grupp ta' Esperti dwar l-UPPE
- l-Att delegat li jelenka l-kategoriji ta' data personali operattivi u l-kategoriji ta' suġġetti tad-data
- l-għażla u l-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew

- l-avviż ta' post battal għall-Kap Prosekutur Ewropew
- l-għażla tal-Prosekuturi Ewropej
- is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet
- il-baġit.

Il-Kummissjoni pprovdiet garanzija li ser tinvolvi lill-Istati Membri mill-qrib fl-iżvilupp ta' dawn it-tnejjiet kif ukoll fil-ħidma ta' implimentazzjoni b'mod ġenerali, li tinkludi miżuri li għandhom jittieħdu fl-Istati Membri parteċipanti. Sabiex jiġu ffaċilitati dan il-proċess ta' implimentazzjoni u l-integrazzjoni bla xkiel tal-UPPE fis-sistemi nazzjonali, il-grupp ta' esperti dwar l-UPPE ser ikollu skambju regolari ta' informazzjoni dwar il-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni u ser jipprovdi gwida kif meħtieġ.

## **2. Kooperazzjoni mal-OLAF**

Il-ħolqien tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) ser jikkontribwixxi għall-għieda kontra frodi li jkollhom impatt fuq il-baġit tal-Unjoni u ser jgħin fl-istabbiliment ta' politika integrata rigward l-investigazzjonijiet kriminali u amministrattivi fil-livell tal-UE. F'dan ir-rigward, il-mandat ġenerali tal-OLAF għal investigazzjonijiet amministrattivi, kif inhu ddefinit illum mill-atti legali rilevanti, mhux ser jinbidel. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni bejn l-UPPE u l-OLAF f'konformità mar-Regolament dwar l-UPPE (l-Artikolu 101(1)) tiżgura li l-prinċipji tal-komplementarjetà u tan-nonduplikazzjoni fl-investigazzjonijiet jiġu rrispettati b'mod sħiħ filwaqt li jintużaw il-mezzi kollha disponibbli biex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-UE.

F'dawn l-aħħar xhur, il-Kunsill (il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi) kellu dibattiti intensivi dwar ir-rapport tal-Kummissjoni rigward l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament attwali dwar l-OLAF. Il-Kummissjoni tipproponi li fl-ewwel nofs tal-2018 tiġi ppreżentata reviżjoni mmirata ta' dan ir-Regolament, li ser tindirizza r-relazzjoni bejn l-OLAF u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u possibbilment tinkludi bidliet immirati addizzjonali. Ġie maqbul li l-ambitu tal-proposta li jmiss jista' jkun limitat kif issuġġerit sabiex tiġi żgurata adozzjoni rapida tar-reviżjoni mmirata. Il-Kummissjoni ntalbet tiffoka primarjament fuq it-temi għal din l-ewwel reviżjoni li huma meħtieġa biex l-OLAF ikun jista' jikkoopera mingħajr xkiel mal-UPPE, madankollu, mingħajr l-estensjoni tal-kompetenzi u s-setgħat li attwalment jingħataw lill-OLAF (ara d-dokument 6004/18).

Dawn huma l-istess kunsiderazzjonijiet bħal dawk espressi fil-laqgħa ministerjali informali tas-26 ta' Jannar 2018, jiġifieri, kjarifika tal-kompetenzi tal-OLAF vis-à-vis il-kompetenzi tal-UPPE sabiex tiġi ggarantita kooperazzjoni mingħajr xkiel u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, filwaqt li jiġu żgurati l-komplementarjetà, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni tal-OLAF mal-Istati Membri li mhumiex qegħdin jipparteċipaw fl-UPPE. Tqajjem ukoll tħassib ieħor, li ma jikkonċernax id-delegazzjonijiet kollha, inkluż l-ammissibbiltà tal-evidenza miġbura mill-OLAF u l-UPPE biex tintuża mill-uffiċċju l-ieħor.

Fil-laqgħa tal-CATS tad-19 ta' Frar 2018 ġew diskussi wkoll il-kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni futura bejn l-OLAF u l-UPPE. Id-delegazzjonijiet qablu li jenħtieġ li tinżamm sinerġija fil-proċess ta' riforma tal-OLAF fis-sens ta' stabbiliment konsistenti tal-UPPE u l-bini ta' livell adatt ta' kooperazzjoni sabiex l-OLAF ikun jista' jassisti lill-UPPE biex dan jeżerċita l-kompetenzi tiegħu skont ir-Regolament dwar l-UPPE b'mod adegwat. Jenħtieġ li l-karatteristiċi tal-UPPE bħala aġenzija investigattiva jiġu kkunsidrati meta l-OLAF jipprovdi l-informazzjoni u r-rapporti meħtieġa biex jingħata bidu għal investigazzjonijiet kriminali. Il-ħolqien ta' fiduċja reċiproka bejn l-UPPE u l-OLAF, fluss ta' informazzjoni f'waqtu (speċjalment ir-rapportar mingħajr dewmien mill-OLAF dwar kwalunkwe suspett ta' frodi bil-fondi tal-UE), l-evitar ta' investigazzjonijiet paralleli u persunal xieraq huma kwistjonijiet importanti li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod adatt mill-partijiet ikkonċernati kollha.

### **3. Kooperazzjoni mal-Eurojust**

Naturalment, ir-relazzjoni bejn l-UPPE u l-Eurojust ser tkun ta' natura privileġġjata, peress li kemm l-UPPE kif ukoll il-Eurojust ser ikollhom rwoli importanti ħafna fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kultura ta' rispett għall-istat tad-dritt. Jenħtieġ li jitfakkar li rabta mill-qrib ta' dan it-tip bejn dawn iż-żewġ korpi diġà tirriżulta mill-formulazzjoni tat-Trattat, li jipprevedi li l-UPPE ser jinħoloq "mill-Eurojust".

Hemm għadd ta' dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-kooperazzjoni fir-Regolament dwar l-UPPE kif ukoll fl-abbozz ta' Regolament dwar il-Eurojust (li għadu qed jiġi innegozjat), iżda jidher ċar li ser ikun meħtieġ li d-dettalji tal-kooperazzjoni amministrattiva u operattiva jkomplu jiġu żviluppati f'arranġamenti bejniethom. Fil-laqgħa tal-CATS tad-19 ta' Frar 2018 imsemmija hawn fuq, id-delegazzjonijiet iddiskutew fil-qosor ir-relazzjonijiet futuri bejn l-UPPE u l-Eurojust. Il-fehmiet ibbażati fuq dawk espressi fil-laqgħa ministerjali informali tas-26 ta' Jannar 2018 ġew żviluppati, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-iskambju ta' informazzjoni, u kif adatt, il-mekkaniżmu għat-trattament tal-evidenza bejniethom, u r-regoli dwar dan, kif ukoll l-aċċess tal-UPPE għas-sistema ta' informazzjoni tal-Eurojust.

#### **4. Mistoqsijiet**

**Il-Kummissjoni hi mistiedna tipprovdi lill-Ministri aktar aġġornamenti u dettalji dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-UPPE.**

**Il-Ministri huma mistiedna jkollhom skambju ta' fehmiet dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq.**

---